# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**It-Tmien Sena** **Mejju 1938** **Għadd 87**

**1d.**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Triq San Pawl — Il-Belt.

# RIGALI SBIEH U RHAS

Trid tagħti rigal sabiħ u rħis? Flok ma tonfoq ħafna flus f'kaxxi ta' ħelu u ġugarelli ta' ebda fejda, ixtri ktieb bil-Malti.

Jekk inhu tifel tal-iskola agħtih il-*Ward ta' Qari Malti*.

Jekk inhi xbejba atigħha *Inez u Emilja*.

Lil min iħobb l-istorja agħtih l-*Istorja ta' Malta* ta' Ġ. A. Vassallo, *Il-gżejjer ta' Malta* ta' Temi Zammit, l-*Istorja ta' Birkirkara*, *Raħal Ġdid*, *Mosta*, eċċ. ta' E. B. Vella.

Lil min iħobb jaqra rumanzi agħtih *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġ. Galea, *Ċensu Barbara* u *Ċejlu Tonna* ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

Lil min hu aktar 'il quddiem fil-Malti agħtih il-*Kotba Mqaddsa* ta' P.P. Saydon, l-*Oqbra* ta' Dun Karm; *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona.

U biex iżżewwqu l-għażla għandkom: *Minn Xtut in-Nil*; *L-akbar imħabba*; *Il-ħajja tar-Re u r-Reġina*; *Ward jew Xewk*, u oħrajn.

U jekk ktieb wieħed jidhrilkom li hu ftit, agħtu tnejn, tlieta, aktar.

# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

MEJJU 1938 ] IT-TMIEN SENA [ Għadd 87


## IL-MALTI U N-NUTARI

Fil-għadd ta' April li għadda tkellimna fuq il-Malti u n-nies tal-Qorti. Illum nitkellmu fuq il-Malti u n-Nutari li jimxu id f'id man-nies tal-Qorti.

In-Nutari jew ħafna minnhom, jew x'uħud minnhom, ma laqgħux bi tbissima ta' ferħ il-Malti fil-kitba tagħhom. Imdorrijin jiktbu b'għamla ta' kitba taljana li wirtuha minn missirijiethom u li huma bi ħsiehom iħallu, mingħajr ma hi mittiefsa, lil min jiġi warajhom, l-ebda ħajra ma kellhom ibiddlu din ix-xejra ta' kitba u jitgħallmu kitba oħra li tifhimha l-kotra tal-Maltin. Mhux biss, imma x'uħud min-Nutari donnhom iridu jiddieħku bil-liġi tal-Malti u b'min għamilha; donnhom iridu b'wiċċhom sfiq jinku l-liġi u 'l min għamilha. Daħk fil-wiċċ, inkejja sfiqa, tmaqdir tal-liġi, aħjar minn hekk ma nistgħux nigħdulha l-kitba ta' xi kumbatti li xi waqtijiet jiġu f'idejna. Insemmu wieħed biss li deher m'ilux fil-Gazetta tal-Gvern.

Jibda 'l-kuntratt: *In presenza tiegħi... u ta' l-infraskritti testimonji idonej skond il-liġi jidhru personalment...* Ma' tul il-kuntratt naqraw kliem bħal dan: *jirrisiedi, junixxu ruħhom, jappartienu, f'każ ta' premorjienza, pagament eventwali, in kawtela, in segwitu,* u jagħlaq b'dawn il-kelmiet: *Vera kopja rilaxxjata....*

Agħti dak il-kuntratt f'idejn wieħed Taljan u f'idejn wieħed Malti li ma jafx bit-Taljan. Min jifhem l-aktar ? Terġa', dak il-kuntratt b'liema ortografija kien miktub ? Tgħid mhux bl-ortografija taljana ?

Biex nifhmu sewwa l-kruha ta' dan it-taħwid fil-kitba tal-kuntratti, nistħajlu ftit li dak il-kuntratt kellu jkun miktub bl-ingliż minn wieħed li jistmell il-Isien Ingliż daqs kemm jistmell l-Isien Malti, u jkun miktub hekk:

*In presence of me..... and of the infrascript testimonies idonei.... unish themselves... in case of premorience.... in seguit of....*

U mbagħad fl-aħħar iżid: *True copy relashed...*

Min ma jaqbdux il-bard meta jaqra kitba bħal din? Imma mhux aħjar minnha l-kitba ta' xi Nutari. Ma ngħidux, u qatt ma għadda dan minn rasna, li fil-kitba tal-kuntratti għandu jidħol kliem Malti biss, le; iżda anqas ma rridu li n-Nutar idaħħal kliem barrani meta l-kelma Maltija qiegħda f'fomm kulħadd, raħlin u beltin. Ghax ma kitibx: *quddiem* flok *in presenża*, *xhud* flok *testimoni*, *joqgħod* flok *jirrisiedi*, *jintrabtu* flok *junixxu ruħhom*, *jekk imut qabel* flok *in każ ta' premorjienza*, *wara* flok *in segwitu*, *meħuda* flok *rilaxxjata?* Min ma jafx Malti daqshekk, ma għandux ikollu s-setgħa li jikteb kuntratt bil-Malti.

Inqiegħdu dawn in-nuqqasijiet taħt għajnejn min għandu s setgħa li jsewwihom. Aħna nibqgħu ngħajjtu u magħna tgħajjat il-kotra tal-Maltin u ngħajjtu bil-qawwi u fil-bogħod biex inxandru li l-liġi tal-Malti fil-kuntratti mhix imħarsa kif għandha tkun imħarsa, bi ħsara tal-Maltin u b'għajb tal-liġi nfisha.

Intennu dak li għidna x-xahar li għadda: Ma għandux jingħata warrant ta' Nutar lil min ma jafx jikteb kull għamla ta' kuntratt b'Malti suret in-nies. U jekk Nutar, għax irid, jibqa' jikteb b'Malti ħażin għandu jeħel il-pieni li taqta' l-liġi.

# Weraq tal-Ħarifa

*Forsan et haec olim meminisse juvabit.*

Għaddejt il-ġonna tar-Rebbiegħa b'żerniq ta' ward imżew-
waq dejjem;
ħallejt warajja l-wied ibaqbaq u sħab għaddej iriegħed
fuq rasi u rajt l-isħab għodwiet jinksew b'dalma xitwija,
fil-waqt li f'qalbi jien ħassejt bla dija
jgħaddu ta' ħajti l-jiem, u ġewwa d-dlam jitbiegħed
mal-ħeġġa l-ħsieb sabiħ li darba ħlomt, li bih jien xtaqt
nibqa' nitħejjem.

Għaliex trabbejt bit-Tama, ħolma li tmut, kif igħidu, l-aħħar
waħda;
ħassejtha ċkejken mindu, mingħajr ma naf xejn jiena,
iltim mill-ħarsa ta' missier, għall-ewwel darba,
infexxet f'bikja l-qalb u bl-aħħar karba,
mill-għajn ta' l-omm mifrud, inxħett fi ħdan il-ħniena
ta' min ħajti ma riedx jara mid-dinja mċaħħda.

Għalxejn iż-żmien biegħed l-Imgħoddi, għalxejn bil-ġrajja
ġodda u taqlib tad-dinja ħbielu wiċċu;
għadhom jsejħu l-qalb mill-bogħ'd, magħha jiġu jitkellmu
dawk ħbiebha ta' tfuliti li kienu telqu bla ma sellmu,
u ħbiebha l-oħra ta' żgħożiti, għaliex ħsiebi l-Imgħoddi
dlonk ifittxu
kull meta jħossu għajjien għaddej mit-toroq ħorox ta' dil-
ħajja.

Kemm donnha kienet isbaħ id-dinja ta' torbiti!
Hemmhekk fejn darba ċkejken id ħanina fatmitni
minn art twelidi; hemmhekk, ja dar, noħolmok qiegħda
waħdek fit-tarf ta' belt, Sultana t'Art Imwiegħda.
Għadha f'widnejja tidwi tal-ħajja l-ewwel għanja li saħħritni,
minn fomm l-Għarab ibattmu s-sies tal-Bini ta' Żgħoriti.

Iż-żmien li għadda fuqek, oh kif mejjillek rasek!
B'riġlek fuq art tal-ħama, bħal siġra l-lum magħkusa,
li tħawlet f'art ħażina, ja dar, int donnu ġralek.
Minnek mifrud, minn art u żmien, jien darba li xjeħt
bħalek,
infittxek ġejt bħal min wara żmien twil ħolom bl-għarusa;
midfuna qalb djar oħra, sibtek bilkemm, inqajmek xtaqt
minn ngħasek.

Nhewden jien bik, inħoss mill-ġdid il-ħajja
ta' mitt ħaġa midfuna, bl-għabra taż-żmien imżewqa:
ix-xgħari, il-ġnien, l-għarix, u 'l hinn il-baħar mejjet
tal-belt ta' Tunes, u bi sħab iswed is-sema jfajjed
ġifen ta' l-art b'tisfira jtir minn ħdejk, dawk li kull xewqa
ta' qalbi kienu u l-lum ta' ħajti l-iċken, l-egħżeż ġrajja.

Ja żmien tfuliti meta l-għajnejn tax-xjuħ imbexxqin kienu
għad-dawl li l-bniedem seraq lill-berqa tas-smewwiet,
u l-widnejn torox kienu għal-leħen ġej mill-bogħ'd il-bogħ'd
mal-mewġa
ta' l-ajru, għidli kif tfietek għoddha l-fewġa
ta' l-għerf, taż-żina li waqqgħet sal-ħitan qawwija ta' l-ib-
liet,
u kemmxet wiċċ l-Imgħoddi qabel ma tqaddem żmienu?!

Għadkom quddiem għajnejja, intom ħitan li dari
kontu tħarsu bil-waħx ta' ħniedaq il-mogħdija
madwar il-bieb tal-Belt; kont għadni tfajjel
bil-kotba f'idi nilgħab fostkom, u jien għadni nistħajjel
il-kenn tagħkom wisq isbaħ minn kull palma dellija
fil-beraħ li jgħattikom taħt dak ir-radam xagħri.

Lilkom mhux il-ħadid u mhux in-nar tal-għadu
ġarraf u difen imma ż-żmien ta' żmieni
li donnu xaba' minnkom u rakom f'għajnu żejda:
ġebel immermer tfixklu trieqtu, ja ġebel ta' bla fejda.
O kif il-ġwienaħ tiegħu kinsu kull ħiel hekk kmieni
tal-wiċċ beltija tagħkom u kollox ħadu!

Ftit il bogħ'd minnkom waħdi ġewwa kmajra b'xemgħa
tixgħel fuq ktieb f'ħemda ta' lejl x'ħin sħabi
ilkoll taħt saqaf wieħed kienu jkunu reqdin,
bil-qalb u l-moħħ ta' żgħażagħ mid-dinja mifrudin,
min jaf kemm moħħi mar f'rokna minn tagħkom iħott it-
tgħabi
tal-ħsieb u q'għad jissamma' jidwi xi leħen f'qiegħ is-Sema;

dak il-leħen li ġewwa dik il-kmajra
maż-żerniq ta' żgħożiti minn ġo twejqa
dieħel donnu bil-moħbi ħassejtu kemm-il-darba
mill-bogħ'd mar-rwiefen ġej, il-lum għandu minn daħka u
l-għada għandu minn karba.
u bih imtliet, tħenniet il-qalb imdejqa,
u bih kibes il-moħħ u ħsiebi għola mas-smewwiet bħal tajra.

Ja żmien, li fih fis-saħħa ta' mitt xewqa bqajt il-ljieli
nishar u noħlom u dejjem ngħix bit-tama,
leħnek ħassejtu wkoll bħal għanja tal-benniena,
bħal bews fuq moħħi jnessi n-niket kollha ħniena;
bih qsamt il-mewġ fejn ma wasletx tad-dirgħajn il-qama
u l-hena bqajt induq fil-waqt li serquhieli.

Għalkemm ftit doqtha l-ħlewwa tas-Sebħ miegħek,
għalkemm mill-ħodon tiegħek ftit ward imżewwaq ġbart,
inti bqajt dejjem il-ħabib tal-qalb u xejn ma kont qarrieq;
iż-żmien ta' wrajk għannaqni, imbagħ'd tani bis-sieq;
mela bil-ward tax-xewk kull rokna f'qalbi fejn int ħaddart.
O kemm xtaqt jien li nibqa' l-lum marbut bil-ktajjen
tiegħek!

Fejn tliftek, fejn ħallejtek ma niftakarx jien sewwa,
għax donnu ftit għext miegħek; jekk sew fil-ħin li lqajtni,
b'ħaddejn ħomor, bi snien bojod, b'xuxa mġiegħda sewda
tuta,
u xebbiktli dehni kollu bħal dubbiena ġewwa għanqbuta,
jew x'ħin dieħel f'din il-ħajja naqla' x'niekol jew meta
tajtni
induq il-morr ta' Imħabbti bl-ewwel qatriet tal-ħlewwa.

Lilek jien naf li f'qalbi kelli meta tqila
ħassejt kull ħidma li nixxfitli rasi,
u faraġ sibt f'thewdin tal-għanja tar-Rebbiegħa;
u rġajt ħlomt bik, bil-ġonna tiegħek f'xi siegħa
li fiha l-Imħabba nsiet id-dnub, li fiha minn ngħasi
jien qomt sabiex qalbieni nġarrab xi trieq twila......

U t-trieq imxejtha u d-daħka tiegħek naħseb li għad kelli
u l-ħsieb qalbieni tiegħek meta f'art oħra kbira
fittixt dawl isbaħ għal din l-imsejkna ħajja;
naħseb f'lewnek ukoll iżżewqet tiegħi kull ġrajja,
meta rieqda ħallejtek f'raħal ġo rokna żgħira
ma' l-għanja tiegħi tal-qalb fejn miegħek raqad delli.

Żgħożija ta' ħajti, int hemm bqajt rieqda u, biex minn
ngħasek
jien inqajmek, il-lum għadda wisq żmien u naf li jkun
għalxejn.
Il-lum li mitt, ħallini nikxef il-ġebla li tgħattik
bil-ħwejjeġ li żejnuk u flok il-ward nagħtik
weraq tar-rand minn dak li fir-riġlejn
l-egħdewwa riedu jixtħu, u bih qed igħix il-Ħsieb u jħad-
dar għadu f'rasek.

Kif telqu miegħek l-egħżeż uċuħ li kelli, ommi l-ħanina
li miegħi biss hi ferħet u bkiet, li għaxet biss għalija
fil-mixja ta' dil-ħajja; dawk sħabi li ħallewni,
oħrajn li fit-triq baqgħu, jew qabdu art oħra, insewni;
ħabibi ta' tfuliti, li bqajt tħobbni bħal ħija,
tifla, ja sebħ ta' Mħabba, O kif bejnietna l-lum inħallet il-katina !

F'rokna li taħbi dellkom, f'minkeb it-triq, fuq blajta
ta' xatt il-baħar fejn niltaqgħu konna, il-lum bħal fewġa
in-nifs tagħkom inħoss u kliemkom ġo widnejja;
lilkom nara weqfin quddiem għajnejja.
Fil-ħemda ta' l-Imgħoddi magħkom il-qalb bħal mewġa
ċkejkna fid-dawl tal-qamar għadha tinstama' tħabbat fuq ix-xtajta.

Uċuh midbiela li bla ħsieb xejn jien naħbat magħkom
u tfakkruni fiż-żaħ'r, fil-ward li flimkien qtajna fir-Rebbiegħa,
fit-tuffiħat tas-siġar tal-ġonna ta' żgħożiti,
fil-qalb l-isbaħ tifkira, ja mirja ta' bluhiti,
għalina fil-lejl xitwi, mudlam, xi kewkba ġewwa l-qiegħa
tas-Sema dejjem tiddi fuq it-triq tiegħi u tagħkom !

A. C.

*Nhar Għid l-Imwiet, 1937.*

# Iċ-ċurkett taż-żwieġ tal-Madonna

Ħames snin ilu kelli xorti kbira li ngħaddi s-sajf nistudja fl-università ta' Peruġja, il-belt ewlenija ta' l-Umbrija, fl-Italja, belt qadima u msemmija għal ġrajjitha.

Għodwa waħda, nhar ta' Ħadd, ftit qabel it-tbexbix smajt ħsejjes mhux bħal tas-soltu--bhejjem jiġru, tħaxwix tas-saqajn, nies jitolbu, oħrajn ikantaw. Qomt mis-sodda u ħarest mit-tieqa. Ilmaħt għadd kbir ta' nies, l-aktar xbejbiet raħlin mill-inħawi ta' dik il-belt, deħlin mill-bieb ewlieni tagħha, li kien jiġi sewwa sew xi għoxrin pass il-bogħod mid-dar fejn ngħammar. "Hawn xi ħaġa l-lum" għidt bejni u bejn ruħi, u billi kien għadu kmieni rġajt mort norqod.

Fis-sebgħa mort, bħal-Ħdud l-oħra l-katedral ta' S. Lawrenz biex nisma' l-quddies. Kif dħalt smajt għagħa kbir ma' ġenb wieħed mill-artali tan-naħa tal-lemin u lmaħt geġwiġija nies, l-aktar nisa b'imkatar ta' kull lewn fuq rashom, irossu biex jitilgħu fuq l-artal u jbusu xi ħaġa li ma stajtx naraha minn fejn kont. Qassis żagħżugħ, kollu ħeġġa, kien fuq l-artal isikket lin-nies u jintona l-Ave Marija. Mimli bil-kurżità xtaqt inkun naf x'kienet dik il-ħeġġa kollha. Staqsejt u qaluli li kienet il-festa taċ-ċurkett tal-Madonna, u n-nies kienu qegħdin irossu biex ibusuh.

L-għada fil-għodu meta mort l-università dħalt fil-librerija u sibt din l-istorja—Kif iċ-ċurkett kien jinsab ġo Peruġja.

Fis-sena 961 wieħed markiż mit-Tuskana żżewweġ lin-neputija ta' l-imperatur Ottone, li kien jisimha Ġuditta. It-tnejn kienu jħobbu d-deheb u l-ġawhar. Il-markiża li kienet imsaħħra wara dan it-tlellix kont issibha dejjem lesta biex tixtri u żżid malli kellha.

Kien igħix fi Kjusi, belt qrib Peruġja, wieħed raġel, imsemmi biex jistma l-ġawhar; għalhekk il-markiża kienet ħabiba tiegħu u tinqeda dejjem bih. Ġara li fis-sena 985 ħabbru lil Ranieru, li kien wasal f'Ruma mill-Lvant, wieħed lhudi u li kien ġieb miegħu tgħammira deheb u ġawhar. Dlonk dan għarraf lill-markiża u din bagħtitu malajr Ruma u tatu ħafna flus biex jixtrilha dak li kien igħodd għaliha. Ranieru ma tilefx żmien, mar Ruma, sab lil-lhudi u nefaq il-flus kollha. Lil Ranieru, il-lhudi tah ċurkett ta' l-oniċi (ħaġra qisha gamew) bħala rigal talli nefaq dawk il-flus kollha. Għall-ewwel, Ranieru ma riedx jieħdu għax rah rigal ċkejken għal dik in-nefqa u bil-kemm ma ħadux b'insult; imma l-lhudi qallu:

"M'għandekx tħares lejn il-kwalità, għax għandek tkun taf li ma hemmx deheb fid-dinja kollha jiswa daqsu. Int taf tajjeb li jien ġej minn Ġerusalemm u dan iċ-ċurkett ġej minn

hemm ukoll. Dan hu ċ-ċurkett taż-żwieġ ta' Ġużeppi ma' Marija aħjar ikun merfugħ għandek milli għandi—ħa qis li tieħu ħsiebu". Għalkemm Ranieru kien ta' fidi mejta qabad iċ-ċurkett u telaq għal Kjusi.

Lill-markiża taha l-ġawhar u d-deheb li kien xtralha u ċ-ċurkett ma tkellem xejn fuqu. Ranieru tafa' ċ-ċurkett ġo kaxxa u ma ħasebx iżjed fih.

Għaxar snin wara li ġara dan, lil Ranieru mietlu tifel waħdani, il-werriet ta' ismu u ta' ġidu. Il-missier miġnun bil-għali għamillu funeral mill-isbaħ. Kif it-tifel kien katavru f'nofs il-knisja, fetaħ għajnejh, beda jiċċaqlaq u f'daqqa waħda qam mir-raqda tal-mewt, waqt li kulħadd tbikkem u twerwer. Minn ġot-tebut hekk tkellem ma' missieru, mal-qassisin u man-nies: "Jiena ġa dħalt fid-dinja l-oħra, smajt l-għana tal-anġli u s-serafini, fil-bogħod rajt lill-Verġni Mqaddsa kollha bjuda u dija u hekk kellmitni: "Ibni inti ma tista' qatt tiġi ħdejja qabel ma missierek iqiegħed ċ-ċurkett tiegħi fuq l-artal fejn jista' jkun meqjum minn kulħadd. Erġa' mur fid-dinja u għid 'l missierek illi dak li qalulu fl-art nafu bih fis-sema".

Il-missier kif sama' dan il-kliem mar jiġri lejn daru u ġieb il-kaxxa fejn kien jinsab iċ-ċurkett, taha 'l ibnu u dan fetaħha u ħarġu bla ma qatt kien rah, urieh lil kulħadd u reġa' raqad ir-raqda tal-mewt.

Il-qassisin ħadu ċ-ċurkett u dendluh f'katina tad-deheb u qiegħduh fuq artal fil-knisja ta' San Mustjola u kienu jikxfuh erba' darbiet fis-sena. Wara żmien ħaduh fil-knisja ta' San Franġisk fejn għamel ħafna għeġubijiet.

Fis-sena 1473 wieħed fra Vinterju, tedesk, fettillu jisraq dan iċ-ċurkett wisq għażiż għan-nies ta' Kjusi, u jieħdu pajjiżu. Irnexxielu jagħmel dan iżda kif ħareġ minn Kjusi sab ruħu mdawwar minn sħaba kbira u ma setagħx jimxu 'l quddiem. Il-fra malajr fehem li dak kien sinjal mis-sema, nidem u wiegħed li jqiegħdu fl-ewwel knisja li jilħaq. Kif għamel din il-wiegħda s-sħaba għabet u l-fra baqa' miexi u sab ruħu f'Peruġja. Kif wasal hemm daħal fil-knisja u stqarr dnubu u dak kollu li kien ġralu.

Sal-ġurnata tal-lum iċ-ċurkett għadu jinsab fil-katedral ta' San Lawrenz miżmum bl-akbar qima mill-poplu peruġin.

Jekk din il-ġrajja hix minnha jew le ma nistgħux ngħidu, imma nafu tajjeb illi l-bdil taċ-ċurkett fiż-żwieġ kien mill-qedem. Nafu li r-raġel kien idaħħal iċ-ċurkett fis-saba' tal-mara waqt li jingħadu dawn il-kelmiet: B'dana ċ-ċurkett inti tkun marti skond il-liġi ta' Mosè.

Għalkemm ħafna pitturi jpinġuh tad-deheb dan għamluh biex juru l-akbar qima lejn Marija.

Meta naħsbu fil-faqar ta' Ġużeppi nifhmu malajr illi ċ-ċurkett ta' Peruġja joqrob lejn il-verità.

**Luqa** — **ANT. VALLETTA**

# Alla tax-Xitwa *

*Lil Ġuże Chetcuti—b'sedq ta' ħbiberija.*

Ħabbruk il-bard u s-silġ u s-sħab bajdani,
Alla tax-Xitwa, b'dawk ġenbejk maħruqa
B'beraq għammiexi win-nirien mitbuqa
Iżiġġu mal-widien bħal serp safrani;

Ħassewk l-iġbla wil-bħur, Alla setgħani,
U jien ħassejtek magħhom. L-art mifruqa
Mill-frât infetħet wis-sħabiet mirżuqa
Tħabblu mar-rjieħ u xegħlu l-lejl għadbani

Demmek hu demmi. Ġewwa għadmi faret
Qawwa ta' ħolm bħal żwiemel sħaħ maħruka,
Eħfef mill-wadab illi tross ġo driegħek.

Alla tax-Xitwa, isma' ! Ruħi saret
Tal-biża' daqs saltnatek, bl-hemm midruba,
Aħfinni ma' ġwinħajk, tajjarni miegħek !

Ġ. AQUILINA.

* Mill-Ingliż tiegħi *The God of Winter.*

# Fuq it-Telfa ta' l-Indipendenza ta' l-Awstrija

*Men are we, and must grieve when even the shade*
*of that which once was great is passed away.*

WORDSWORTH

Xterdet l-aħbar fuq l-arja f'daqqa waħda,
Waqfet tismagħha d-dinja bla taħrika,
U stagħġbu l-ġnus xħin ġarrbu din il-ħasda :
Fuq Vjenna telgħet tperper l-iswastika !

Is-sliem għalik, ja kbir Imperu mejjet,
Bejta t'għorrief, t'artisti, ta' qalbiena;
U s-sliem għall-Poplu tiegħek għaqli u ġwejjed,
Miċħud fil-hemm minn ta' l-Ewropa l-ħniena.

Għalxejn li Schuschnigg ħadem b'id qawwija
Biex jeddek għall ħelsien lid-dinja juri :
Int qdejt ta' rah'n biex twaqqfet ħbiberija
U tbewsu ma' xulxin żewġ dittaturi.

'Ma fuq dil-Qawwa li jassritek taħtha
Demm Dollfuss qiegħed jitlob ħaqq u saħta

ĠORĠ PISANI

# IBNU

*Mill-Ingliż)*

Ismagħni ibni: irrid inkellmek, waqt li int tinsab rieqed, b'idejk ċkejkna milwija taħt ħaddejk u b'xagħrek dehbi mmewweġ imwaħħal fuq ġbinek maħsul bil-għaraq. Ħrabt ħarba waħdi sa kamartek. Ftit minuti ilu, xħin kont bil-qiegħda magħluq ġo kamarti naqra gazzetta, mewġa qawwija ta' ndiema ħakmitni b'saħħitha kollha. Ma flaħtx għaliha iżjed. Ħassejtha toħnoqni. Imtebba' bil-ħtija ġejt ħada soddtok.

"Dawn huma l-ħsebijiet li għaddew minn moħħi, ibni: kont imgħaddab għalik. Ċanfartek waqt li kont qed tilbes għall-iskola għaliex wiċċek ixxuttajtu kif ġie ġie. Ċanfartek għax ma naddaftx iż-żarbun. Għajjatt miegħek meta sibt li ħallejt xi ħwejjeġ jaqgħulek ma' l-art.

"Waqt li konna nieklu ċanfartek ukoll. Int xerridt l-ilma. Blajt f'ħin wieħed l-ikel. Qegħidt minkbejk fuq il-mejda. Ċallast ħafna butir fuq il-biċċa ħobż li kellek. U wkoll, meta jien kont sejjer għax-xogħol, u inti tlaqt tilgħab, dort lejja, xejjirtli b'idejk ċkejkna, u sejjaħt: 'Ħa nbus idejk, pa !', u jiena nkeddejt fija, u weġibtek, 'Inħallsek ! Mur lejn id-dar ! '

"L-istess raġa' ġara wara nofs inhar. Waqt li jien kont ġej id-dar, ilmaħtek għarkubtejk tilgħab il-boċċi. Il-kalzetti kinulek kollha mqattgħin. Jien rajtek tiħmar, wiċċek imwaqqa' l-art, meta ġgħaltek tgħaġġel quddiemi lejn id-dar. Il-kalzetti jqumu ħafna flus—u kieku kellek tixtrihom minn butek, kont kieku tieħu ħsiebhom. Gib-quddiem għajnejk kulma rajt minn missierek, ibni ! Loġika tassew fiergħa u bla ħajr kienet dik tiegħi !

"Tiftakar, l-aħħar darba, meta jien kont naqra f'kamarti, int dħalt qajl qajla, fuq ponot subgħajk, b'ħarsa mgerrxa f'għajnejk? Meta jien erfajt għajnejja minn fuq il-gazzetta, bla sabar għax qtajtli l-qari, int uqaft imfixkel fil-bieb. 'Xi trid ?' għaġġilt ingħidlek. Int ma weġibtx, ġrejt lejja kemm kellek saħħa, xħett dirgħajk ma' għonqi, u bistni, bistni, bistni, u sidrek ċkejken tħaddan miegħi b'imħabba kbira, b'dik l-imħabba li Alla ħeġġeġ ġo qalbek li, ukoll jekk ma

tiħux ħsiebha, ma tista' qatt tintemm. U mbagħad int tlaqt; jien smajt il-passi tiegħek telgħin it-taraġ.

"Hekk hu, ibni; ftit ħin wara l-gazzetta waqgħet minn idejja, u biża' kbir ħassejtu jmarradli ruħi. Dak il-ħin intbaħt kif kont qed inġib ruħi miegħek, bla ħniena, kemm ġbidt għal xawatti, u ħassejt qalbi tingħafas. Drawwiti, fejn kienet qed twassalni? Id-drawwa li nċanfrek, inwaqqa' l-ħtija fuqek u nmaqdrek — b'dawn jien ħallastek għax inti għadek ċkejken. Mhux għax ma ħabbejtekx; imma għax stennejt, għax ridt wisq minnek. Kont qed inqis b'xibri.

"U hawn int urejt il-karattru tiegħek, tajjeb u sabiħ. Ma kienx jistħoqqlok dak kollu, ibni. Qalbek ċkejkna wriet kobor daqs il-kobor tas-sebħ in-nifsu li jinfirex fuq il-għoljiet wiesgħa. Dan int kollu wrejtu l-lejla meta, b'ħeġġa miġnuna ta' mħabba ġejt tiġri lejja, u tbusni. Issa, mela, kollox għadda u ntesa, ibni. Ġejt fid-dlam fejn soddtok, inżilt għarkubtejja fejnek, imqanqal, u mistħi!

"Dan hu ħlas ċkejken; jien naf li inti ma tifhemx dawn il-ħwejjeġ ukoll jekk ingħidhomlok meta tkun imqajjem, imma nħoss li għandi ngħid dan li qiegħed ingħid. Waħdi, ħdejn soddtok, irrid naħraq in-nar tas-sagrifiċċju, u nqerr ħtijieti. Nitlob 'l Alla li jsaħħaħni f'dan il-ħsieb li waħħalt f'rasi issa. Għada nkun tassew missierek! Inqatta' ż-żmien miegħek, inbati meta tbati int, u nidħak meta tidħak int. Jiena ngiddem xufftejja meta xi kliem, bla sabar, ikun irid joħroġ. Inżomm quddiem għajnejja dan bħalkieku xi ħaġa qaddisa: "Mhuwiex ħaġ'oħra ħlief tifel ċkejken!"

"Jisgħob bija li ħarist lejk bħallikieku kont xi raġel. Iżda kif qiegħed narak issa, ibni, mimdud għajjien fil-benniena tiegħek, issa nara li għadek tarbija. Il-bieraħ rajtek fuq driegħ ommok, rasek mistrieħa fuq spallejha. Jien ridt ħafna minnek, ħafna.

"Ibni l-għażiż! Ibni ċkejken l-għażiż! Bniedem niedem hawn mixħut għarkubtejh quddiemek, hawn f'dawl il-qamar. Irrid inbus subgħajk ċkejknin u ġbinek maħsul bil-għaraq."

Ġużè Chetcuti

# Lin-Naxxar

Int raħal ċkejken kollok arja w dija,
Fejn emmnu l-ewwel nies il-kliem ta' Pawlu,
Int biss ridt tkun biex Malta ssir qawwija,
Biex f'Malta kollha l-ġid u l-hena jfawru.

Tqâbdu bla biża' wliedek qalbenija,
Mat-Torok għajjurin u lilhom dawru,
Ħammar bl-egħdewwa baħar ta' mistħija;
Ma baqgħux aktar swar ta' saħta jsawru.

Bambina ħelwa int għażilt Patruna,
Biex Lilha tweġġah, Lilha tagħti qima,
U Minnha jkollok dejjem kull għajnuna.

Omm ta' l-insara, xerred fuqu l-barka,
Żomm bgħid minn niesu l-għawġ u kull tilwima,
Biex hu ta' ġieħek jibqa' sejf u tarka.

Ħaż-Żebbuġ — A. BORG

# Skiet u Sliem

*Solitudine è sola beatitudine*
G. Leopardi.

Hawnhekk waħdi rrid ingħammar
F'dan il-hena, f'dan is-skiet
F'din is-saltna illi tirbaħ
Kull waħd'oħra għall-ħlewwiet.

Hawnhekk waħdi bgħid mill-ħsejjes
U mill-qerq, tiġrif, u ġenn
Ta' l-ibliet b'elf xkiel imnassba,
Mingħajr ħjiel ta' safa u kenn.

Hawn fis-sikta nsib il-ħajja,
Qalbi tfur bl-għaxqa, bil-ferħ,
U mill-ħidma iebsa, sfieqa
Moħħi jsib is-sliem, is-serħ.

U l-imħabba tixgħel f'daqqa
Moħħ u qalb jimxu flimkien
Għax fis-skiet fis jagħarfu s-Setgħa
Li għaniet lil dal-ħolqien.

Ħadd ma jista' ħlief ilsieni
—Sew ifisser dan is-skiet—
Dan l-Ilsien li bih għannejthom
Minn ta' qalbi x-xejriet.

Għaliex jiena lilu nafhom
F'art twelidi r-rebħ, is-sliem
'Il-Dak l-Ilsien sabiħ u għani
Li ħarriġni fit-tagħlim.

U il-ħajja siekta, mwarrba
Taf lit-triq li rat f'kull żmien
Qtajjiet kbar imkasbra jterrqu
Lejn Imkien il-Ferriħin.

Oh Mulej niżżik ħajr dejjem
Għal dis-saltna b'riżq u ġid,
X'jiswa qatt il-għana kollu
Ħdejn is-skiet wis-sliem li rrid ?

Karm. Ellul-Galea

# PARAFRASI

## Mera ta' Mistoqsijiet ta' Eżamijiet

### MISTOQSIJA

Saħħritni u għaġġbitni,
dal-għodu kif rajtha,
fuq siġra ta' ħawħa fil-ġnien . . .
fid-difa tal-ajru bħal imdendla minn ħajta,
imwieżna f'tarf werqa kemm kemm . . . .
Ħekk ħlejju dak ġmielha,
milquta mix-xemx għadha tielgħa !

1. Fisser il-ħsieb tal-poeta f'dawn il-versi.

2. Għid x'inhuma skond il-Grammatka dawn il-kelmiet: *imwieżen, ħlejju, tielgħa*.

### TWEĠIBA

Il-poeta jħares mistagħġeb lejn qatra nida mdendla ma' werqa ta' siġra u jitgħaxxaq bil-ġmiel tagħha, jaraha tiddi fid-dawl tax-xemx tielgħa.

2. *Imwieżna* huwa parteċipju passiv tal-verb *wieżen* li hu mnissel mill-verb *wiżen.*

*Ħlejju,* huwa aġġettiv imnissel minn *ħelu* u magħmul bħall-ismijiet taċ-ċokon biż-żjieda tas-sillaba *ejj* f'nofs il-kelma, iżda li jfisser żegħil u mhux ċokon bħal *sbejjaħ* minn *sabiħ.*

*Tielgħa,* huwa parteċipju attiv tal-verb *tela'* u qiegħed ma' *xemx,* għalhekk jinkiteb *tielgħa*; li kien maskil, kien jinkiteb *tiela'* (flok *tielagħ*).

# Kotba ġodda

DUN Ġ. XERRI, *Lin-Nisrani*, il-preċetti tal-Knisja u l-pieni, faċċ. 186, The Empire Press, 1938 (bl-istampi)

Dan il-ktieb jiġi wara *Il-Kmandamenti ta' Alla* li ħareġ tliet snin ilu minn idejn l-istess kittieb. Bħalu wkoll hu mqassam Mistoqsija u Tweġiba u Tifsir tat-tweġiba; l-eħfef triq biex twassal tagħlim tqil f'moħħ dawk li mhumiex imħarrġin fit-tagħlim għoli tal-iskejjel. Miktub b'Malti mexxej. Nixtequlu tixrid kbir għax barra milli jagħmel il-ġid hu miktub bl-ortografija tal-Gvern, u hekk ma jfixkelx it-tagħlim tal-iskejjel. Eżempju sabiħ ta' kif wieħed jagħti lil Alla dak li hu ta' Alla, bla ma jiċħad lil-Ċêsri dak li hu ta' Ċêsri.

* * *

Fil-għadd ta' Marzu li għadda ħabbarna u faħħarna l-gazzetta *Militia Christi* li biddlet l-ortografija. Illum inżidu ngħarrfu li mill-għadd tas-27 ta' Marzu bdiet iġġib l-istorja ta' *L-Imblokk il-Kbir ta' Malta* li kienet maqluba minn Ġ. Vassallo mill-Ingliż ta' W. H. Prescott. Billi l-ktieb ta' Vassallo l-lum ftit jinsab, dawk li jridu jaqraw din l-istorja sabiħa ma jitilfux din l-okkażjoni.

* * *

Kullħadd jaf biha l-gazetta *Melita* li qiegħda toħroġ mill-Maltin ta' Tunes. Lil dawk li jifhmu l-lsien Franċiż inwissuhom biex ma jibqgħux ma jaqrawx dawk l-artikoli kollha nar ta' mħabba lejn Malta u l-Malti miktubin mill-ħabib tagħna Laurent Ropa.

---

☛ ĦAREĠ IR-RUMANZ

ANĠLI TAN-NIKET

MIKTUB MINN

ĠINU MUSCAT AZZOPARDI

L-EWWEL WIEĦED FIL-

ĠABRA TA' KITBA MALTIJA

MAĦRUĠA

MIT-TABIB ĠUŻÈ BONNICI

# *Lehen il-Malti (Università)*

*KTEJJEB TA' KULL XAHAR — GHAT-TAGHLIM*

TISHIB XELIN FIS-SENA JEW 1*d.* IL-GHADD

GHAND AQUILINA TA' TRIQ IRJALI

ILAHHAQ IT-TIXRID TA' MADWAR ELF

JIDHOL FID-DJAR TAL-KBAR U Ż-ZGHAR

**KONDIZZJONIJIET**

Kull imsieheb li ma jġeddedx it-tishib sa wara għadd li jkun wasallu mhux imhallas, ismu jithassar mill-kotba taghna.

Kull kitba li tinbaghat ma titreġġax lura u lanqas ma jinghataw fehmiet privati bil-miktub dwar xoghlijiet letterarji mibghuta.

Lehen il-Malti hu l-ewwel nett ġurnal ta' l-istudenti ta' l-Università u ghalhekk il-kitba ta' dawn tiehu l-ewwel post.

Il-kitba ta' barranin li ma tlahhaqx sa fejn jitlob il-ġurnal tithalla barra minghajr ma tinaghta l-ebda raġuni

Il-kitba ta' nies mhux maghrufa jew imharrġa biżżejjed tista' tkun mimsusa qabel tidher stampata.

Kittieba barranin m'ghandhomx jibghatu kitba li tiehu iżjed minn tliet faċċati.

Lehen il-Malti jitlob kitba li jkun fiha xi haġa iżjed minn Malti safi— sengha u koltura.

Meta kitba tidher fuq isem b'iehor l-editur ghandu jkun jaf isem sewwa tal-kittieb bl-indirizz b'kollox.

Lehen il-Malti jiżżi hajr lill-hbieb kollha li jxerrduh fost dawk li ghad ma bdewx jaqrawh, l-aktar lil dawk li jghinuna nkabbru l-ghadd ta' l-imsehbin.

Ittri u kitba letterarja ghandhom jinbaghtu :

EDITUR, LEHEN IL-MALTI (Università)
Empire Press, 266, Triq San Pawl,
Il-Belt.

**Tisħib**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena.
Kopja waħda sold
Għal barra minn
Malta id-doppju.

**Għat-Tisħib u bejgħ morru għand id-Ditta**
**A. C. AQUILINA & Co.**
**58D Triq Irjali, Il-Belt.**